# IL-MOD ĠUST KIF TUŻA KONDOM

1. Kull darba li jkollok att sesswali kun żgur li l-kondom li se tuża jkun ta' kwalità tajba.
2. Qatt tuża kondom ma' lubrikant ibbażat fuq iż-żejt. Uża biss lubrikanti bbażati fuq l-ilma jew ibbażati fuq is-silikon.
3. Dejjem ilbes il-kondom qabel ma jkun kemm kuntatt mal-ġenitali. Wara l-eġakulazzjoni oħroġ il-pene.
4. Armi l-kondom jekk tkun ilbistu bil-maqlub u uża wieħed ġdid.
5. Kondom għandu jintuża darba biss.
6. Qabel ma tuża kondom dejjem iċċekkja għal xi difetti jew tiċrit.
7. Kun ċert li jkun hemm il-marka CE jew EEA fuq il-pakkett.

## TISTA' TIKKUNTATTJA

Għal iktar informazzjoni tista' żżur is-sit
**www.sexualhealth.gov.mt**
jew tibgħat imejl fuq
**sexualhealth.malta@gov.mt**

Kull informazzjoni tiġi ttrattata b'kunfidenzjalità u b'sensittività.

@Sexualhealthmalta

SEXUALHEALTH MALTA

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

# GWIDA TA' KIF TUŻA KONDOM B'MOD TAJJEB



Il-kondom jintlibes fuq il-pene waqt l-att sesswali biex jiġu evitati infezzjonijiet trażmessi sesswalment.



Dejjem uża kondom kull darba li jkollok att sesswali. Iċċekja id-data ta’ skadenza fuq il-pakkett. Kun ċert li jkun hemm il-marka CE jew EEA fuq il-pakkett. Dan juri li l-kondom huwa sigur u jilħaq r-rekwiżiti tal-Medical Device Directive.

# KIF TILBES KONDOM













1. B’attenzjoni kbira iftaħ il-pakkett tal-kondom u oqgħod attent li ma tqattax il-kondom waqt li qed tiftaħ il-pakkett.
2. Żomm il-ponta tal-kondom bejn il-werrej u s-saba' l-kbir tiegħek biex tiżgura li qed tilbsu tajjeb u biex ma tħallix l-ebda arja tinqabad fil-kondom (il-kondom jista’ jinqasam jekk tinqabad xi arja ġewwa).
3. Poġġi l-kondom fuq il-ponta jew ir-ras tal-pene.
4. Waqt li tagħfas il-ponta tal-kondom irromblah ’l isfel fuq il-pene mqajjem.
5. Jekk il-kondom ma jkunx jista’ jirrombla ’l isfel, il-probabbiltà tkun li lbistu bil-maqlub. Meta tneħħih oqgħod attent għax jista’ jkun hemm xi sperma ġewwa. Uża kondom ġdid.
6. B’attenzjoni kbira neħħi l-kondom u armih fiż-żibel.